



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0413(COD)

6.6.2012

EMENDI 22 - 26

**Abbozz ta' opinjoni
Cristian Dan Preda
(PE487.725v01-00)**

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà

Proposta għal regolament
(COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 22
Birgit Schnieber-Jastram

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u l-Iżvilupp (kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità) jenfasizzaw li r-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà għandha tinforma lill-istrateġiji u lill-politiki tal-UE sabiex tikkontribwixxi għall-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE. Aktar speċifikament, il-Kunsill ikkonkluda li l-ħidma futura fir-rigward tas-sigurtà u tal-iżvilupp għandha tinkludi l-implikazzjonijiet ta' sigurtà u ta' żvilupp tal-bidla fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali u l-kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-migrazzjoni.

Emenda

(6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u l-Iżvilupp (kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità) jenfasizzaw li r-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà għandha tinforma lill-istrateġiji u lill-politiki tal-UE sabiex tikkontribwixxi **għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) kif imniżżel fl-Artikolu 208 TFUE** u għall-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE. Aktar speċifikament, il-Kunsill ikkonkluda li l-ħidma futura fir-rigward tas-sigurtà u tal-iżvilupp għandha tinkludi l-implikazzjonijiet ta' sigurtà u ta' żvilupp tal-bidla fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali u l-kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 23
Birgit Schnieber-Jastram

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament huma konsistenti mal-qafas ta' politika strateġika ġenerali tal-Unjoni għall-pajjiż imsieħeb, u b'mod *parikolari* mal-objettivi tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 2, kif ukoll ma' miżuri oħra rilevanti tal-Unjoni.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament huma konsistenti mal-qafas ta' politika strateġika ġenerali tal-Unjoni għall-pajjiż imsieħeb, u b'mod *partikolari* mal-objettivi tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 2, kif ukoll ma' miżuri **u objettivi** oħra rilevanti tal-Unjoni, **speċjalment PCD kif imniżżel fl-Artikolu 208 TFUE.**

Emenda 24
Corina Crețu

Proposta għal regolament
Anness I - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi u pluralistiċi tal-Istat, li jinkludi miżuri għat-tishiġ tar-rwol tan-nisa f'istituzzjonijiet bħal dawn, amministrazzjoni ċivili u oqfsa legali relatati effettivi kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell lokali, ġudikatura indipendenti, tmexxija tajba u liġi u ordni, inkluża kooperazzjoni teknika mhux militari biex jissaħħaħ il-kontroll ċivili ġenerali, u sorveljanza tas-sistema ta' sigurtà u miżuri għat-tishiġ tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u kull tip ta' traffikar illegali;

Emenda

(c) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi u pluralistiċi tal-Istat, li jinkludi miżuri għat-tishiġ tar-rwol tan-nisa f'istituzzjonijiet bħal dawn ***kif ukoll l-involviment tagħhom biex ikunu provduti assistenza psikoloġika u kura medika***, amministrazzjoni ċivili u oqfsa legali relatati effettivi kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell lokali, ġudikatura indipendenti, tmexxija tajba u liġi u ordni, inkluża kooperazzjoni teknika mhux militari biex jissaħħaħ il-kontroll ċivili ġenerali, u sorveljanza tas-sistema ta' sigurtà u miżuri għat-tishiġ tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u kull tip ta' traffikar illegali;

Emenda 25
Corina Crețu

Proposta għal regolament
Anness I – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-appoġġ għall-miżuri meħtieġa sabiex ***tinbeda r-rijabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura*** ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, kif ukoll ***il-kapaċità*** produttiva essenzjali, u

Emenda

(e) l-appoġġ għall-miżuri meħtieġa sabiex ***tiġi rijabilitata u rikostruwita l-infrastruttura*** ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, kif ukoll ***għall-kapaċità*** produttiva essenzjali, u biex

miżuri oħra biex tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli;

tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli ***kif ukoll biex tinżamm sistema tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni aċċessibbli;***

Or. en

Emenda 26
Corina Crețu

Proposta għal regolament
Anness I – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) l-appoġġ għall-miżuri biex jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt, inkluż l-esponiment tagħhom għal vjolenza bbażata fuq is-sess, jiġu milħuqa adegwatament;

Emenda

(j) l-appoġġ għall-miżuri biex jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt, inkluż l-esponiment tagħhom għal vjolenza bbażata fuq is-sess, jiġu milħuqa ***immedjatament u*** adegwatament;

Or. en